MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2010

Numru. 81/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Anthony Muscat, bin Joseph u Rita née' Camilleri, imwieled fit-12 ta' Novembru 1964 u residenti 100, Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 44364(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Muscat li gie akkuzat talli fil-15.11.2009 ghal habta ta' 16:45hrs gewwa Triq ir-Ramla fl-area maghruf bhala tal-Hali, Ghawdex:-

1. vjola l-propjeta ta’ Carmena Muscat billi halla naghag jidhlu go ghalqa tal-kwerelanta
2. ghamel hsara li ma teccedix €23.29
3. holoq inkonvenjent lil terzi persuni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u senjatament mill-affidavit ta’ PS428 jirrizulta illi l-imputat qieghed jippermetti li jidhlu naghag fl-ghalqa tal-kwerelanta u kkagunalha hsara f’xi ful li kien hemm mizrugh;

Illi madanakollu t-tielet (3) akkuza ma tindikax il-persuna lil min inholoq l-inkonvenjent;

Kwindi l-ewwel zewg akkuzi jirrizultaw;

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza, issibu hati tal-ewwel zewg akkuzi u wara li rat l-artikoli 325(d) u 340 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati u tikkundannah ammenda ta’ ghoxrin euro (€20) ghall-ewwel akkuza u ammenda ta’ ghoxrin euro (€20) ghat-tieni akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------